# Kuntatt
## ...mal-iskola t'ibnek

Jannar–Frar '09

Messaġġ mill-Kap tal-Iskola

Issa li għaddew il-festi u dħalna sew fit-tieni term, irridu nikkonċentraw aktar fuq l-eżamijiet ta` Nofs is-Sena. Għal dawk l-istudenti tal-Form 5, dawn l-eżamijiet ser ikunu l-eżamijiet Annwali tagħhom. Dan ifisser li r-riżultati li jġibu f'dawn l-eżamijiet ser jitniżżlu fiċ-ċertifikat tal-aħħar (*School Leaving Certificate*).

Kull student għandu jagħmel l-isforz kollu tiegħu ħalli jmur tajjeb. Għad fadal żmien u kulħadd għadu biċ-ċans. Id-differenza bejn student u ieħor hija r-responsabbiltà. L-istudent, jekk irid jimxi 'l quddiem, għandu jagħraf l-importanza tal-istudju u li jitfa' moħħu hemm. Is-sapport tagħna qiegħed dejjem hemm u nassigurakom li nagħmlu minn kollox biex naraw lil uliedkom jimxu 'l quddiem. Miskin hu dak l-istudent li ma jippruvax jagħmel il-ħila tiegħu kollha biex iġib l-aqwa marki li jkun kapaċi għalihom. Dawn il-marki ma jiġux bix-xejn imma bl-istudju, bl-interess u bil-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha li l-iskola torganizza tul is-sena kollha. Iż-żgħażagħ iridu jifhmu li l-futur tagħhom qiegħed fl-edukazzjoni u fiċ-ċertifikati li jakkwistaw b'daqsxejn ta' sagrifiċċju. Jiena naf li intom kiltu lsienkom tgħidu dad-diskors pero` wieħed ma jridx jaqta' qalbu u jkompli jipprova bla ma jiffitta lil dak li jkun. Opportunitajiet hemm għal kulħadd u wieħed irid jisfruttahom.

Aktar ma l-ħolqa bejn id-dar u l-iskola tkun soda aktar joħroġ ġid. Ġid li jissarraf f'żgħażagħ aktar maturi billi dawn jifhmu li l-edukazzjoni hija l-vera futur tagħhom. Hija ta' ħtieġa kbira li intom bħala ġenituri tagħtu importanza lill-edukazzjoni taż-żagħżugħ tagħkom. Dan isir billi titkellmu fuq ix-xogħol tal-iskola, billi tinteressaw ruħkom f'dak li jkun qed jagħmel iż-żagħżugħ tagħkom u billi tipparteċipaw f'dawk l-attivitajiet li l-iskola torganizza. Issa li t-tifel tagħkom kiber, għandu bżonnkom aktar minn qatt qabel biex jiftaħ qalbu għad-diffikultajiet li ż-żgħożija moderna tippreżentalu. Tajjeb iżżommu f'moħħkom li kull żagħżugħ jgħaddi minn perjodu ta' taqlib u tridu tkunu intom il-ġenituri flimkien magħna l-għalliema biex nindirizzaw dat-taqlib. L-Iskola Sekondarja tas-Subien Ħal Kirkop temmen fiż-żgħażagħ u tifhem fil-bżonnijiet li għandhom illum. It-tim kollu tal-għalliema, li jinkludi s-sezzjoni tal-Guidance u tal-Counselling, dejjem lest biex jisma' u jgħin minnufih lill-parteċipanti kollha b'impenn mill-aktar professjonali, ġenwin u mill-qalb.

R. Portelli
Kap tal-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal – L-Eżamijiet

Frar dalwaqt magħna u l-eżamijiet ta' nofs is-sena qed joqorbu wkoll. Għalhekk, wasal iż-żmien li l-istudenti jibdew ifasslu l-pjan tal-istudju tagħhom. Huwa importanti ħafna li nħeġġu lil uliedna jwettqu dan il-pass sabiex jippjanaw ir-reviżjoni meħtieġa għall-eżamijiet li tkopri dak kollu li sar matul dawn l-aħħar xhur. Dan il-pjan ta' studju huwa għajn siewja li twassal lill-istudenti jġibu marki aħjar.

Ta' min jisħaq l-importanza li wliedna jżommu dejjem ix-xogħol tagħhom b'mod organizzat. Dan għaliex l-organizzazzjoni tgħin ħafna lill-istudent u tiffaċilitalu l-istudju tiegħu. Il-pjan tal-istudju li jrid ifassal kull student flimkien mal-organizzazzjoni sħiħa tax-xogħol tiegħu se jwassluh biex jikseb marki tajbin. Ta' min isemmi wkoll li permezz ta' dawn iż-żewġ passi li għandhom jitqiesu u jittieħdu minn kull student, se jonqos dejjem il-famuż stress. Jekk l-istudju jibda jsir minn kmieni u jkun imqassam tajjeb lanqas biss hemm għalfejn inlissnu dik il-kelma.

Għalhekk huwa ta' siwi kbir li nħeġġuhom jagħmlu preparazzjoni tajba għal dawn l-eżamijiet li resqin. Dawn għandhom jingħataw importanza kbira fil-ħajja akkademika ta' kull student għaliex finalment huma riflessjoni għall-eżamijiet annwali.


| | |
|---|---|
| Bord Editorjali: | G. Micallef (Asst. Kap), D. Bezzina, P. Callus, L. Deguara, A. Dimech, A. Galea, R. Portelli, A.Vella |
| Issettjar: | P. Callus |


# L-Attendenza fil-Lejla għall-ġenituri




**NOTA:**

Nixtiequ ninfurmawkom li l-laqgħa għall-għalliema li kellha ssir fid-19 ta' Jannar 2009 issa ser issir nhar il-Ħamis, 29 ta' Jannar 2009. Għaldaqstant l-iskola dakinhar tkun sa 12:30pm.

# Comenius fl-iskola tagħna

Wara l-ewwel esperjenza pożittiva l-iskola tagħna qed terġa' tipparteċipa fi proġett ieħor tal-*Comenius*, din id-darba mhux biss bħala membru iżda bħala l-koordinatur ta' proġett. It-titlu ta' dan il-proġett huwa ***Endemic and indigenous species and their protection***. Il-pajjiżi parteċipanti l-oħra huma Ċipru u l-Italja, li flimkien magħhom se nkunu qed naħdmu fuq proġett ta' sentejn li l-iskola tagħna qed tipparteċipa fih permezz tal-fondi Ewropej fi ħdan *Socrates, Comenius 1.*

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li jiżdied l-għarfien tal-istudenti dwar l-ispeċi indiġeni u endemiċi ta' pjanti u annimali kif ukoll li jitgħallmu dwar kif jipproteġu dawn l-ispeċi. Għan ieħor importanti huwa li l-istudenti jkunu esposti għal kulturi oħra. Dan se jgħinhom ukoll biex itejbu l-użu tagħhom tal-Ingliż meta jikkomunikaw mal-istudenti barranin.



B'mod konkret dan il-proġett se jinvolvi riċerka, kemm minn fuq kotba jew internet kif ukoll permezz ta' eskursjonijiet mal-għalliema f'numru ta' postijiet f'Malta biex ikunu jistgħu jittieħdu ritratti ta' diversi speċi indiġeni u endemiċi. Fejn hu possibbli se jitħawlu wkoll uħud minn dawn l-ispeċi fl-iskola tagħna. Fl-aħħar tal-proġett l-informazzjoni miġbura mit-tliet pajjiżi se titpoġġa fuq CD li tkun aċċessibbli għall-istudenti kollha tal-iskejjel li qed jipparteċipaw.



L-ewwel laqgħa ta' dan il-proġett saret f'Malta f'Diċembru li għadda. L-għalliema tal-*Comenius* tat-tliet pajjiżi involuti ppjanaw il-proġett f'aktar dettall billi fasslu pjan ta' attivitajiet għal matul is-sentejn li ġejjin.

Issa jmiss li fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu numru ta' għalliema u studenti mit-tliet pajjiżi parteċipanti jiltaqgħu f'Limassol, Ċipru. Hemmhekk se jippreżentaw l-infomazzjoni miġbura sa dakinhar filwaqt li jżuru diversi postijiet relatati ma' dan il-proġett.

Il-Kumitat tal-*Comenius*

# PROGRAMM NOFS IS-SENA

## *Taqsir il-kliem*

BIO (Biology)
BS (Business Studies)
CHEM (Chemistry)
CS (Computer Studies)
DT (Design & Technology)
EUS (European Studies)
FR 3 (French Option 3)
GC (Graphical Communication)
HE (Home Economics)
ITA 3 (Italian Option 3)

| | | L-Erbgħa 11 ta' Frar | Il-Ħamis 12 ta' Frar | Il-Ġimgħa 13 ta' Frar | It-Tnejn 16 ta' Frar |
|---|---|---|---|---|---|
| FORM 1 | L-1 sessjoni | ĠURNATA STUDJU | Malti | Lingwi | Ingliż |
| | It-2 sessjoni | | Reliġjon | Geografija/ Studji Ambjentali | Studji Soċjali |
| FORM 2 | L-1 sessjoni | | ORALI | Malti | Lingwi |
| | It-2 sessjoni | | ORALI | Storja | Geografija/ Studji Ambjentali |
| FORM 3 | L-1 sessjoni | | Ingliż | Matematika | Xjenza/ Scientific Lit. |
| | It-2 sessjoni | | ICT | Reliġjon | Studji Soċjali/ Studji Ambjentali |
| | It-3 sessjoni | | *CS | ***M'hemmx eżami*** | **PE/DT |
| FORM 4 | L-1 sessjoni | | Xjenza/ Scientific Lit. | Ingliż | Matematika |
| | It-2 sessjoni | | *BS/BIO/DT ORALI | Studji Soċjali | Reliġjon |
| | It-3 sessjoni | | ORALI | ***M'hemmx eżami*** | ***M'hemmx eżami*** |
| FORM 5 | L-1 sessjoni | ORALI | Matematika | Taljan | Malti |
| | It-2 sessjoni | | Storja | Taljan Listening Comprehension | Studji Soċjali |
| | It-3 sessjoni | | *HE | *GC | *CS |

# TAL-EŻAMIJIET FRAR 2009

**Punti importanti:**

1. L-ewwel sessjoni tibda fit-8.00am.
2. It-tieni sessjoni tibda fl-10.30am.
3. It-tielet sessjoni tibda fin-12.30pm
4. L-Ingliż jibda fit-8.00am u jispiċċa fl-10.15am.
5. L-ewwel brejk ikun mill-10.00am sal-10.20am u t-tieni brejk ikun minn 12.00pm sa 12.20pm.

**Trasport**

1. L-Erbgħa 11 ta' Frar huwa Jum ta' Studju ħlief għall-istudenti tal-ħames sena. Dakinhar dawn l-istudenti għandhom l-orali u għaldaqstant transport ma jkunx provdut.
2. Fil-jiem l-oħra tal-eżamijiet it-trasport lura jkun dejjem f' 12.05pm.

| | | It-Tlieta 17 ta' Frar | L-Erbgħa 18 ta' Frar | Il-Ħamis 19 ta' Frar | Il-Gimgħa 20 ta' Frar |
|---|---|---|---|---|---|
| **FORM 1** | L-1 sessjoni | Matematika | *HE/GC/DT | Xjenza/ Scientific Lit. | ORALI |
| | It-2 sessjoni | ICT | Storja | ***M'hemmx eżami*** | ORALI |
| **FORM 2** | L-1 sessjoni | Ingliż | Matematika | *HE/GC/DT | ICT |
| | It-2 sessjoni | Xjenza/ Scientific Lit. | Studji Soċjali | Reliġjon | ***M'hemmx eżami*** |
| **FORM 3** | L-1 sessjoni | Lingwi | Malti | ORALI | GC/FR3 |
| | It-2 sessjoni | Ġeografija | Storja | ORALI | *BS/BIO |
| | It-3 sessjoni | *ES/ITA3/CHEM/HE | ***M'hemmx eżami*** | ***M'hemmx eżami*** | ***M'hemmx eżami*** |
| **FORM 4** | L-1 sessjoni | Malti | Lingwi | Letteratura Ingliża | *CS/CHEM |
| | It-2 sessjoni | Storja | *HE/GC ORALI | ICT | Ġeografija |
| | It-3 sessjoni | ***M'hemmx eżami*** | ***M'hemmx eżami*** | *PE/ITA3 | ***M'hemmx eżami*** |
| **FORM 5** | L-1 sessjoni | Ingliż | ***M'hemmx eżami*** | ***M'hemmx eżami*** | Franċiż |
| | It-2 sessjoni | Ġeografija | Fiżika | ***M'hemmx eżami*** | Reliġjon |
| | It-3 sessjoni | *PE | ***M'hemmx eżami*** | *BS | *DT |

# Il-librerija tagħti sehemha fil-Milied

Il-Milied ġie u għadda. Għaddew ukoll il-festini u l-ġiri 'l hemm u 'l hawn li dan iż-żmien iġib miegħu. Bdejna s-sena l-ġdida u diġà ħarab ukoll l-ewwel xahar. Imma jekk nistaqsu ftit lilna nfusna x'baqa' wara l-ispirtu taż-żmien sabiħ tal-Milied, x'insibu?

Il-librerija tal-iskola ħadet ħsieb li għall-Milied torganizza attività li minnha joħroġ xi ftit tal-ġid ukoll, ġid li jibqa' hemm meta l-ispirtu u l-ferħ ta' dawn il-festi jkunu għaddew u ntesew.

Dan kien l-għan prinċipali li għalih f'Diċembru ġiet organizzata fiera tal-kotba fil-librerija. Il-fiera fetħet dakinhar filgħaxija meta fl-iskola kellna l-lejla tal-ġenituri u nistgħu ngħidu li dakinhar il-bejgħ kien tajjeb ħafna. Minn hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lil C. Giordimaina u B. Zerafa (*Learning Support Assistants*) li dakinhar mexxew il-fiera huma. Kienu ħafna dawk il-ġenituri li żaruna u li xtraw xi ktieb għalihom jew biex jagħtuh xi rigal għall-Milied. Għax tajjeb ukoll li nibdew nidraw nagħtu ktieb bħala rigal. Hemm bżonn li nibdew inħajru aktar nies jibdew jinħabbu mal-kotba għax il-ġid li joħroġ minn ktieb huwa bla kejl. Dan hu bla dubju għan ieħor li l-librerija tal-iskola dejjem taħdem biex tilħaq.



Il-fiera baqgħet ukoll miftuħa għall-ġimagħtejn ta' qabel il-Milied fejn l-istudenti setgħu jżuru l-librerija u jixtru l-kotba huma wkoll. Għal darb'oħra r-rispons kien tassew pożittiv u dan jagħtina kuraġġ biex nibqgħu norganizzaw attivitajiet simili. Il-qligħ kollu li ħalliet din il-fiera mar biex erġajna xtrajna numru sabiħ ta' kotba li l-iskola ppreżentat bħala rigal tal-Milied liċ-Ċentru ta' Ħal Far, li jilqa' fih nies refuġjati, fosthom studenti li jattendu fl-iskola tagħna. Dawn il-kotba se jkunu qegħdin jintużaw minn dawn it-tfal biex itejbu l-edukazzjoni tagħhom. Il-preżentazzjoni tal-kotba saret mis-Sur R. Portelli, il-kap tal-iskola, f'isem l-iskola kollha. Kliem ta' tifħir u ringrazzjament għal dan il-ġest wasal miċ-Ċentru li tassew apprezza din l-għotja ta' kotba.



Il-Milied għadda u mar imma l-ġid li se joħroġ minn dawn il-kotba se jibqa' s-sena kollha. Prosit u grazzi mill-qalb lil kull min ta sehmu f'din l-attività.

A. Cutajar
K. Scicluna
M. Zahra Sacco
*Għalliema Librara*

# Ċelebrazzjoni Ta' Fidi fil-Kulleġġ San Benedittu




Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar it-tfal kollha tal-Kulleġġ San Benedittu ltaqgħu għall-ewwel darba flimkien f'post wieħed biex jiċċelebraw il-fidi nisranija hekk kif imwassla lilna minn Missierna San Pawl. Dan huwa l-ewwel avveniment ta' dan id-daqs għall-Kulleġġ San Benedittu fir-raba' sena tat-twaqqif tiegħu. Ġiet magħżula din iċ-ċelebrazzjoni għax bħala Kulleġġ ridna li aħna lkoll ngħixu flimkien is-Sena Pawlina mnedija mill-Papa Benedittu XVI.

Is-Sena Pawlina fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu bdiet mas-sena skolastika. Il-Kunsill tal-Kapijiet taħt it-tmexxija tal-Prinċipal, is-sinjorina Marilyn Sciortino, ippropona li għal din is-sena niċċelebraw ir-rigal li għadu jrawwem in-nazzjon tagħna, propju l-fidi Nisranija. Diversi numri ta' sotto kumitati, iffurmati minn Kapijiet ta' Skejjel, Assistenti Kapijiet u għalliema, bdew jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jiddiskutu u jippjanaw flimkien kif se jiżviluppaw din it-tema mal-istudenti fl-iskejjel kollha tal-Kulleġġ. Ġew ippreparati powsters, blogż u għajnuna konkreta ta' riżorsi ta' tagħlim mibnija fuq din it-tema għall-istudenti mill-ewwel sena tal-kindergarten sal-aħħar sena tas-sekondarja.

Il-qofol ta' dawn il-preparamenti ntlaħaq nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2009 taħt it-tinda tal-MFCC f'Ta' Qali bi programm t'attivitajiet li beda fid-9.30 ta' filgħodu. It-tfal, iż-żgħażagħ, l-edukaturi u l-ġenituri fl-iskejjel kollha tal-Kulleġġ San Benedittu, kif ukoll għadd ta' Sindki u Kappillani tal-ibliet u l-irħula li minnhom jiġu t-tfal u l-istudenti tal-iskejjel tal-Kulleġġ San Benedittu, ingħaqdu flimkien u ċċelebraw bil-kant, bi drama, bil-qari u b'Quddiesa, il-frott tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta. Fost il-mistiedna distinti kellna magħna lill-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Pawl Cremona, Arċisqof ta' Malta, li ta messaġġ lit-tfal u liż-żgħażagħ kollha preżenti u wara ċċelebra l-Quddiesa flimkien mal-Kappillani tal-parroċċi tal-iskejjel tagħna. Il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, l-Onorevoli Dolores Cristina, qasmet magħna wkoll din l-okkażjoni u wasslet il-messaġġ tagħha wkoll. Fost il-mistiedna distinti kellna magħna wkoll lis-Segretarju Permanenti s-sur Frans Borg flimkien ma' uffiċjali oħra għoljin fid-Direttorati tal-Edukazzjoni.



Din iċ-ċelebrazzjoni se tkompli fil-ħajja tal-Kulleġġ matul is-sena skolastika kollha. Fit-23 ta' Jannar kull skola fi ħdan il-Kulleġġ ġiet mogħtija waħda mill-ittri ta' San Pawl. Kull komunità skolastika se tkompli taħdem u taddatta t-tagħlim li joħroġ minn dik l-ittra partikulari għat-tfal u għaż-żgħażagħ tagħha. Il-frott u l-ħidma ta' kull skola matul din is-sena se jkunu esebiti fl-aħħar ta' Mejju, propju fil-Festa Ħiliet, li issa saret avveniment annwali fil-ħajja tal-Kulleġġ San Benedittu.



## Attivitajiet tal-Milied mill-għalliema

Għal darb'oħra l-għalliema tal-iskola ħadu ħsieb li jtellgħu pantomina tal-Milied għall-istudenti. Din is-sena saru erba' rappreżentazzjonijiet ta' Little Pink Riding Hood, tlieta filgħodu għall-istudenti u oħra filgħaxija għall-ġenituri.

## Attivitajiet tal-Milied mill-istudenti



Ma setax jonqos li għall-Milied jiġi mtella' wkoll kunċert bis-sehem tal-istudenti. B'differenza mis-snin ta' qabel din is-sena ppruvajna ngħaqqdu siltiet varji bħalma huma kant, żfin u reċtar fi storja waħda - reċta bl-isem ta' Amici di Benedictus. Kellna wkoll siltiet ippreparati għalina mill-banda tal-istudenti u l-għalliema tagħna.









**NOTA:**

L-Amministrazzjoni tal-iskola tħeġġeġ lil dawk il-ġenituri interessati li jagħmlu parti mill-Kunsill Skolastiku biex jixħtu n-nomina tagħhom sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar 2009. Għal aktar dettalji intom mitluba tikkuntattjaw lill-Kap tal-Iskola.